**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 01 ta' Lulju, 2020**

**Rikors Guramentat Nru: 354/2012 AF**

**Michael Zammit u Anthony Zammit f'isimhom propju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza ta' Salvu Zammit & Sons Limited (C-10097)**

**vs**

**Il-Kontrollur tad-Dwana**
**u fil-verbal tas-seduta tal-14 ta' Jannar 2016, il-Qorti laqghet it-talba biex isem l-intimat jaqra Direttur Generali (Dwana)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà Salvu Zammit & Sons hija l-proprjetarja tal-fond 16, Shore Street, Mgarr, Ghawdex. Fil-5 ta' Marzu 2012, il-Kontrollur tad-Dwana, issekwestra permezz ta' Nota ta' Qbid numru 21/2012, il-proprjetà mmobbli l-imsemmija socjetà (vide Dok. SZS 1). L-unika informazzjoni provduta bhala taghrif ghaliex sar l-qbid huwa s-segwenti: "*Dan bi ksur tal-Artikli 68(1), 69(1), 92, tal-Ordinanza tad-Dwana Kap. 37 u kif ukoll tal-Artikli 17(2) tal-Att Dwar Dazju tas-Sisa Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta*."

Imkien fin-Nota ta' Qbid, li huwa l-istrument legali li bih iwettaq il-qbid, ma hemm indikati l-fatti dwar is-sustanza tal-kaz li waslu ghal dan il-qbid, u cioè ta' meta sehh l-allegat illegalità, il-lok fejn sehh, u x'kien il-prodott illegali. Mhuwiex car jekk il-prodott, li fuqu ma thallasx dazju kien *fuel* jew xi prodott iehor. Ghalhekk l-istrument legali huwa kompletament nieqes mill-elementi essenzjali li jaghrfu lir-rikorrent ghaliex sar dan il-Qbid.

L-intimat agixxa bi ksur tal-Artiklu 72(1) tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti: "*Kull meta jsir qbid, barra minn meta jsir quddiem il-hati jew sid ta' oggetti suggetti ghal konfiksa taht din l-Ordinanza, l-ufficcjal li jaghmel il-qbid **ghandu jaghti avviz bil-miktub ta' dan il-qbid u tar-raguni tieghu lil sid l-oggetti maqbuda**, jekk maghruf, sew billi jaghti dan l-avviz lilu personalment jew b'ittra irregistrata indirizzata lilu jew imhollija fil-lok maghruf bhala l-ahhar li fih kien joqghod jew li kellu n-negozju tieghu f'Malta*." Huwa car li l-intimat ma tahx ir-ragunijiet ai termini tal-imsemmi Artikolu.

L-obbligu li l-intimat jaghti ragunijiet validi meta jesegwixxi qbid huwa ta' importanza kardinali fid-dawl tal-Artikolu 77 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta li titfa' l-oneru tal-prova, f'kaz li l-qbid illum kontestat, fuq min qieghed jikkontesta l-istess qbid. Dan l-Artikolu jistipula: "*Jekk meta jigu mitluba lura oggetti, maqbuda minhabba nuqqas ta' hlas ta' dazju, jew ghal raguni ohra li ggib maghha ikkonfiska, inkella fi procedimenti ghall-gbir ta' xi piena ta' flus jew xort'ohra skond din l-Ordinanza tinqala' kwistjoni dwar jekk id-dazju li jmiss fuq dawk l-oggetti kienx gie mhallas, jew jekk dawk l-oggetti kienux gew importati jew trasburdati jew zbarkati skond il-ligi, jew dwar il-lok minn fejn kienu gew dawk l-oggetti, f'kull wiehed minn dawn il-kazijiet il-*

*prova tiegh tmiss lill-persuna li taghmel dik it-talba jew lill-imputat li kontra tieghu jsir dak il-procediment, skond il-kaz*."

Ghalhekk fil-kaz tal-qbid tal-imsemmija proprjetà immobbli, l-intimat ma spjegax ir-raguni tal-qbid però jistenna li s-socjetà rikorrenti ggib prova li ma kienx hemm illegalità. Dan l-istat ta' fatt ma jaghmilx sens meta din il-proprjetà tintuza kontinwament ghal diversi attivitajiet u ghalhekk mhuwiex maghruf liema attività saret bi ksur tal-Kap. 37 u 382 tal-Ligijiet ta' Malta u ghal liema prodott, cioè *fuel* jew prodott iehor.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost in-nota ta' qbid harget ukoll fil-konfront ta' Michael Zammit u Anthony Zammit f'isimhom proprju meta l-proprjetà immobbli tippartjeni lis-sojcetà Salvu Zammit & Sons Limited. Ghalhekk mhuwiex maghruf ghaliex il-Kontrollur tad-Dwana harget in-Nota ta' Qbid kontra r-rikorrenti Michael Zammit u Anthony Zammit.

Wara li r-rikorrent gie notifikat bil-qbid tal-imsemmija proprjetà immobbli, baghat ittra lill-Kontrollur tad-Dwana, ai termini tal-Artikolu 28 tal-Kap. 382 tal-Ligijiet ta' Malta u gharfu li l-qbid kien ser jigi kkontestat.

Dan in-nuqqas mill-intimat qighed jikkawza d-danni lir-rikorrenti.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li Michael Zammit u Anthony Zammit m'ghandhom l-ebda relazzjoni guridika f'isimhom proprju mal-imsemmija proprjetà bl-indirizz 16, Shore Street, Mgarr, Ghawdex.

2. Tiddikjara li n-Nota ta' Qbid numru: 21/2012 huwa null u illegali ghal kull effetti tal-ligi stante li huwa bi ksur tal-Artikolu 72 tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Tordna lill-intimat jirrilaxxa l-proprjetà immobbli bl-indirizz 16, Shore Street, Mgarr, Ghawdex.

Bl-ispejjez u interessi legali kontra l-intimat li qieghed ingunt in subizzjoni.

Rat id-dokument anness.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat Direttur Generali (Dwana) gia l-Kontrollur tad-Dwana, li permezz tagħha eċċepixxa illi:

In linea preliminari, l-Avukat Generali ghadu ma giex notifikat ai termini ta' l-Artikolu 181(B) tal-Kap 12.

In linea preliminari ukoll, il-procedura ta' l-azzjoni odjerna kellha tigi intavolata permezz ta' rikors u mhux ta' rikors guramentat u dan ai termini ta' l-Artikolu 73 tal-Kap 37.

In linea preliminari ukoll, ir-Rikors kellu jigi intavolat minn Michael u Anthony Zammit u mill-kumpannija rikorrenti *Salvu Zammit & Sons Limited* kif hemm indikat fl-okkju u mhux minn Dr. Cedric Mifsud ghan-nom u in rapprezentanza ta' Anthony Zammit u *Salvu Zammit & Sons Limited* u ghalhekk huwa irritu u null.

Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti li qeghdin jigu elenkati minghajr pregudizzju ghal xulxin:

(1) Illi l-fatti tal-kaz fil-qosor huma s-segwenti:

Illi fit-30 ta' Lulju 2010, l-ufficjali ta' l-esponent ghamlu spezzjoni fil-*Petrol Station* tal-kumpannija *Salvu Zammit & Sons Ltd* li tinstab fil-fond numru *16, Shore Street, Mgarr, Ghawdex* u peress li nstabu irregolarijiet senjatament ammont sostanzjali ta' *duty free gasoil* li kien qieghed go lokazzjonijiet diversi u mistura fl-imsemmi fond minghajr l-awtorizzazzjoni espressa tad-Dwana flimkien man-nuqqas li l-*bowser KBB 298* li hu registrat unikament bhala mahzen tas-SISA u ghalhekk kien awtorizzat igorr u jforni esklussivament *gasoil duty free,* instab vojt wara li kien ghadu kemm xtara fid-29 ta' Lulju 2010, 25,000

litru *gasoil duty free* u dan minghajr mas-sidien setghu jiggustifikaw kif iddisponew mill-istess *gasoil duty free*.

Inoltre*,* il-*bowser bin-numru ta' registrazzjoni IBA 663* b'valur ta' €5,000 li kien registrat bhala *tax warehouse*, filwaqt li kellu tabella li kienet tindika li kien igorr *gasoil DUTY PAID*, effettivament intuza sabiex jahzen fih *1,020 litru gasoil duty free* kontra l-awtorizzazzjoni koncessa lilu mid-Dwana.

Illi permezz tan-Noti ta' Qbid bin-numru ta' Referenza 22/2012; 23/2012 u 24/2012, fil-presenza tas-sidien Anthony u/jew Michael Zammit, l-Ufficcjali tad-Dwana qabdu l-oggetti indikati fin-Noti ta' Qbid rispettivi filwaqt li l-istess sid gie debitament infurmat bir-ragunijiet ta' l-istess qbid fid-dati ta' qbid li kienu fit-2 ta' Settembru 2010 u fl-10 u fid-9 t'Awissu 2010 rispettivament. Illi sussegwentement, kif inhi l-prassi tad-Dwana ghal skopijiet ta' pratticità inhargu n-Noti ta' Qbid fuq il-formola preskritta allavolja l-esponent ma kellux ghalfejn stante li jirrizulta li l-imsemmija oggetti li kienu qed jiksru l-provvedimenti tal-Kap 382 u tal-Kap 37 inqabdu fil-presenza tas-sid. Illi l-oggetti li inqabdu huma s-segwenti:

Nota ta' Qbid 22/2012

*(i) Tractor Unit* bin-numru ta' registrazzjoni KBB 298 b'valur ta' €3,500 ;
(ii) *Bowser bin-numru ta' registrazzjoni KBB 298* b'valur ta' €2,500 ghar-raguni li dan il-bowser li kien registrat bhala *tax warehouse* cioè li setgha jgorr u jissuplixxi *gasoil duty free*, effettivament intuza sabiex igorr u ihott *gasoil* illecitament go lokazzjonijiet mhux awtorizzati mid-Dwana u dan bi ksur tal-Artikolu 17 tal-Kap 382 u l-Artikoli 68 u 69 tal-Kap 37;

Nota ta' Qbid 23/2012

(i) *Bowser bin-numru ta' registrazzjoni IBA 663* b'valur ta' €5,000 li kien registrat bhala *tax warehouse* u filwaqt li instab li kellu tabella li kienet tindika li kien qed igorr *gasoil DUTY PAID*, effettivament intuza sabiex jahzen fih *1,020 litru gasoil duty free* kontra l-awtorizzazzjoni koncessa lilu mid-Dwana u dan bi ksur tal-Artikolu 17 tal-Kap 382 u l-Artikoli 68 u 69 tal-Kap 37;

Nota ta' Qbid 24/2012

(i) *Gasoil f'ammont ta' 21,130 litru* ghar-raguni li dawn instabu fi tlett tankijiet fuq il-hitan ta' l-appogg tal-bitha tal-garaxx u f'reservoir li kien mistur taht l-art tal-garaxx, fl-indirizz *16, Shore Street, Mgarr, Ghawdex,* liema zewg lokazzjonijiet ma kienux espressament awtorizzati mid-Dwana sabiex jahznu fihom *gasoil duty free* u dan bi ksur tal-Artikolu 17 tal-Kap 382 u l-Artikoli 68 u 69 tal-Kap 37.

Illi l-allegazzjoni tar-rikorrenti li huma ma nghatawx ir-raguni ghall-qbid ta' l-imsemmija proprjetà hija infondata stante li r-raguni ghal tali qbid inghatat fl-istess Nota ta' Qbid bin-numru ta' referenza 21/2012 fejn hemm specifikat li l-qbid kien tal-proprjetà immobbli fl-indirizz *16, Shore Street, Mgarr, Ghawdex* bi ksur ta' l-Artikolu 17(2) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kap. 382) li jistipula b'mod car li ghandu jigi konfiskat *« …immobbli, illi fiha jinstabu l-oggetti li d-dazju taghhom ma jkunx imhallas jew li jkun soggett ghal konfiska, ghandhom jigu konfiskati. »*

Illi jirrizulta mill-fatti fuq spjegati aktar 'l fuq f'din ir-Risposta, li l-imsemmija oggetti gew maqbuda fl-istess *Petrol Station* tal-kumpannija rikorrenti u cioè fl-indirizz *16, Shore Street, Mgarr, Ghawdex,* ghar-ragunijiet hemm indikati u dan jirrizulta li sar fil-presenza tas-sid stess fejn anke inghata r-ragunijiet ghall-istess qbid. Tant hu hekk, li meta l-ufficcjali tad-Dwana marru sabiex jaqbdu l-imsemmija oggetti sussegwentement li kienet saret l-ispezzjoni fit-30 ta' Lulju 2010 u ittiedhu l-kampjuni tal-*gasoil*, apparti li gew skoperti hazniet mhux awtorizzati fil-presenza tas-sid, is-sid stess kien ipprepara l-istess *bowsers* u *tractor unit* flimkien mal-*gasoil* f'kontenituri appositi sabiex jigu elevati mill-ufficcjali tad-Dwana u jittiehdu lejn Malta.

Illi fir-rigward ta' l-ewwel talba fir-Rikors odjern, jehtieg li Michael u Anthony Zammit igibu l-prova ta' minn ghandu t-titolu legali ta' l-imsemmija proprjetà.

Illi ghar-ragunijiet fuq esposti jirrizulta li l-esponent ottempera ruhu mal-ligi u l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti li l-imsemmija proprjetà qatt ma kellha tigi maqbuda permezz tan-Nota ta' Qbid 21/2012 ma jregux.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti kif dedotti fir-rikors promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt; bl-ispejjez.

Rat id-dokument anness.

Rat is-sentenza preliminari tat-13 ta' Jannar 2015 li permezz tagħha ċaħdet it-tielet eċċezzjoni tal-intimat u ordnat il-prosegwiment tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qegħdin jattakkaw in-Nota ta' Qbid bin-numru 21/2012, tal-5 ta' Marzu 2012, maħruġa mill-intimat fuq il-proprjetà 16, Shore Street, Mġarr, Għawdex. Huma jgħidu li din hija nulla u illegali għal finijiet u effetti kollha tal-liġi peress li ħarġet bi ksur tal-artikolu 72 tal-Ordinanza tad-Dwana, Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, qegħdin jitolbu lill-Qorti tordna lill-intimat jirrilaxxja l-imsemmija proprjetà. L-atturi jikkontendu wkoll illi Michael u Anthony Zammit f'isimhom proprju m'għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika mal-intimat stante li l-proprjetà in kwistjoni tappartjeni lis-soċjetà attriċi.

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-proprjetà mertu tal-kawża kienet liċenzjata bħala *tax warehouse* sabiex fiha jinżammu vetturi li huma liċenzjati bħala mħażen tas-sisa. Dawn il-vetturi jistgħu jaħżnu *fuel* li ma jkunx għadu tħallas dazju fuqu. Fl-2010 uffiċjali tad-Dwana għamlu spezzjoni tal-proprjetà peress illi kellhom suspett raġjonevoli li kienu qegħdin iseħħu xi irregolaritajiet, u ċioè li kien qiegħed jinżamm *gasoil* sdazjat f'post mhux awtorizzat. Fil-fatt, il-*gasoil* li suppost kien fil-*bowser* instab ġewwa tankijiet.

Wara li ntemmu l-investigazzjonijiet tal-uffiċjali tad-Dwana, id-Dipartiment tad-Dwana ħareġ numru ta' noti ta' qbid a tenur tal-Att dwar Dazju tas-Sisa, inkluż dik mertu tal-kawża tal-lum. Dawn kienu jkopru wkoll il-*gasoil* sdazjat, *bowser* u *tanker truck*. Dwar il-fond mertu ta' din il-kawża, ħarġet in-nota ta' qbid bin-numru 21/2012. Taħt l-intestatura 'Tagħrif qasir għaliex sar il-Qbid' hemm miktub 'Bi ksur tal-Artiklu 17(2) tal-Att dwar Dazju tas-Sisa, Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta.'

L-ewwel sub inċiż tal-artikolu 72 tal-Kap. 37 jaqra hekk:

> *"Kull meta jsir qbid, barra minn meta jsir quddiem il-ħati jew is-sid, ta' oġġetti suġġetti għal konfiska taħt din l-Ordinanza, l-uffiċjal li jagħmel il-qbid għandu jagħti avviż bil-miktub ta' dan il-qbid u tar-raġuni tiegħu lil sid l-oġġetti maqbuda, jekk magħruf, sew billi jagħti dan l-avviż lilu personalment jew b'ittra irreġistrata indirizzata lilu jew imħollija fil-lok magħruf bħala l-aħħar li fih kien joqgħod jew li kellu n-negozju tiegħu f'Malta."*

It-tieni sub inċiż tal-artikolu 17 tal-Kap. 382 jiddisponi li:

> *"B'żjieda ma' dan, il-vetturi, il-bastimenti jew mezzi oħra ta' ġarr, użati jew li ser ikunu użati għal importazzjoni, fl-iżbark, fit-twarrib, fiż-żamma, fil-ħabi, jew fil-ġarr ta' oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkunu, taħt dan l-Att, soġġetti għal konfiska flimkien mal-proprjetà, mobbli jew immobbli, illi fiha jinstabu l-oġġetti li d-dazju tagħhom ma jkunx imħallas jew li jkun soġġett għal konfiska, għandhom jiġu konfiskati:*
>
> *Iżda ebda bastiment ma jkun soġġett għal konfiska taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu jekk ma jkunx ta'portata anqas minn mitejn u ħamsin tunnellaġġ nett ta' reġistru*."

L-ewwel eċċezzjoni hija eżawrita stante li fl-udjenza tal-5 ta' Ġunju 2012, l-avukat difensur tal-intimat, f'isem l-Avukat Ġenerali, laqgħet in-notifika tal-atti tar-rikors u irtirat l-eċċezzjoni. In linea preliminari, l-intimat jeċċepixxi wkoll li l-azzjoni kellha titmexxa permezz ta' rikors u mhux rikors ġuramentat. Madanakollu, l-fatt illi ġie preżentat rikors

ġuramentat ma jwassalx għan-nullità tal-att. L-artikolu 73 tal-Kap. 37, filwaqt illi jgħid li azzjoni bħal din għandha tinbeda b'rikors, ċertament ma jgħidx illi dan ir-rikors ma jkunx jiswa jekk ikun maħluf. Dan l-artikolu jitkellem ċar u tond dwar f'liema ċirkostanzi r-rikors huwa null u din mhux waħda minnhom. L-eċċezzjoni tal-intimat qiegħda għalhekk tiġi respinta.

Dwar il-mertu, il-Qorti tħoss illi l-ewwel u qabel kollox għandha tissottolinea li permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qegħdin jattakkaw in-nota ta' qbid in kwistjoni għaliex jgħidu li saret bi ksur tal-artikolu 72 tal-Kap. 37 **biss** u mhux ir-raġuni għalfejn sar il-qbid. Kull kunsiderazzjoni dwar jekk f'dan il-każ seħħx xi ksur ieħor tal-provvedimenti tal-Ordinanza dwar id-Dwana jew l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa hija għalhekk irrelevanti sakemm ma tolqotx il-kwistjoni dwar jekk l-intimat issodisfax ir-rekwiżiti tal-artikolu 72 tal-Kap. 37.

Stabbilit dan, mill-atti rriżulta li r-rikorrent Michael Zammit kien fuq il-post meta saret l-ispezzjoni fl-2010 fejn l-uffiċjali tad-Dwana ħadu kampjuni tal-*gasoil* in kwistjoni u ssiġillaw it-tankijiet. Ir-rikorrent Anthony Zammit laħaq wasal fuq il-post sakemm ġew issiġillati it-tankijiet. Iż-żewġ rikorrenti huma diretturi tas-soċjetà attriċi.

Din il-Qorti tirrespingi l-argument tar-rikorrenti li huma ma ngħatawx ir-raġuni għall-qbid tal-proprjetà u wisq inqas li ma kienux jafu r-raġuni wara n-Nota ta' Qbid 21/2012. Għall-Qorti huwa ċar, kif ċertament kien ċar għar-rikorrenti, li l-proprjeta inqabdet għaliex hija l-proprjeta li fiha nstab oġġett li d-dazju tiegħu ma kienx tħallas, kif jipprovdi l-artikolu 17(2) li saret riferenza għalih fin-nota ta' qbid innifisha. L-ispjegazzjoni li jgħidu li qegħdin ifittxu r-rikorrenti hemmhekk qiegħda. Dan ma kienx xi każ fejn ġurnata fost l-oħrajn ħarġet in-nota ta' qbid bħal sajjetta fil-bnazzi, kif donnhom qegħdin jippretendu r-rikorrenti, imma kienet il-kulminazzjoni ta' investigazzjonijiet li saru da parti tal-intimat, li konsegwenza tagħhom ġew maqbuda oġġetti oħra inkluż il-*gasoil* sdazjat li kien qiegħed jinżamm fil-proprjeta in kwistjoni. Ir-rikorrenti, li fuq kollox kienu fuq il-post mal-uffiċjali tad-Dwana meta saru l-ispezzjonijiet, kienu jafu x'inhu jiġri u l-fatt illi n-nota ta' qbid ħarġet sena u nofs wara l-ewwel spezzjoni ma jbiddel xejn.

Kif qalet proprju din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ fl-istess ismijiet, deċiż fl-14 ta' Marzu 2018, li kien jirrigwarda proprju noti ta' qbid oħrajn relatati ma dan il-*gasoil* sdazjat:

> *"Illi huwa minnu li, fil-qasam tad-dritt amministrattiv, deċiżjonijiet meħuda minn awtorità pubblika li jolqtu l-ġid jew l-interessi taċ-ċittadin iridu jittieħdu għal raġuni u mhux b'mod kapriċċjuż. Minbarra dan, il-persuna milquta trid tkun mgħarrfa wkoll x'kienet jew kienu r-raġunijiet għaliex l-awtorita' pubblika tkun ħadet dik id-deċiżjoni. Biex jitqies li awtorita' tkun qdiet il-funzjoni tagħha tajjeb, huwa mistenni illi dik l-awtorità tgħid lill-persuna mhux biss x'kienu r-raġunijiet li wasslu għad-deċiżjoni li l-istess awtorita' tkun ħadet fil-konfront tagħha, iżda wkoll li l-persuna tingħata l-opportunità illi ssemma' leħenha, u f'każ fejn il-persuna ma tkunx taf x'inhuma r-raġunijiet li wasslu lill-awtorità toħroġ l-ordni fil-konfront tagħha, l-awtorità għandha tagħti lil dik il-persuna l-opportunita' xierqa li tagħmel l-osservazzjonijiet tagħha;*
>
> *Illi formalment ir-raġunijiet imsemmijin mid-Direttur biex ifissru għaliex sar il-qbid tal-karburant, tal-barkun u tal-bowser jinsabu msemmija fuq it-tliet Noti rispettivi f'dik it-Taqsima li tgħid "Tagħrif qasir għaliex sar il-Qbid". It-tagħrif mogħti jikkonsisti f'tismija ta' dispożizzjonijiet tal-liġi mill-Kap 37 u mill-Kap 382. Il-fatt li l-formola tan-Nota tuża l-kelma "għaliex" ifisser biss li dik tkun ir-raġuni li għaliha jkun sar il-qbid. L-atturi jisħqu li d-dispożizzjonijiet tal-liġi li jissemmew fin-Noti ma humiex raġunijiet, imma biss "il-bażi legali fuq liema l-Kontrollur tad-Dwana setgħa jordna tali qbid". Meta l-Qorti fliet l-artikoli tal-liġi msemmijin fit-tliet Noti ta' Qbid sabet li, għall-kuntrarju ta' dak li jallegaw l-atturi, id-dispożizzjonijiet huma provvedimenti sostantivi (li jsemmu imġiba, azzjonijiet jew omissjonijiet li l-liġi tissanzjona) u mhux proċedurali. Minn qari tagħhom, wieħed jifhem x'ikun wassal għall-qbid u liema ksur tal-liġi jkun qiegħed jipprospetta. Għalhekk, il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-atturi li ma ngħatawx ir-raġunijiet għaliex sar il-qbid. Jidher ukoll li, għalkemm in-Noti nħarġu xhur wara li sar il-qbid, kienet ingħatat ukoll ir-raġuni lill-attur Michael Żammit dakinhar (f'Novembru tal-2010) li ntalab itella' l-*

*bowser lejn Ħal Far (ħaġa li jidher li huwa għamel bla ma qagħad iħaqqaqha) u dakinhar li l-karburant li kien hemm fih ittieħdu kampjuni minnu u nqabad ukoll. L-atturi għandhom snin ta' esperjenza fil-qasam u ma jistax ikun li azzjoni bħal dik meħuda mid-Direttur ma kinux tabilħaqq jafu fiex kienet tikkonsisti u minħabba xiex ittieħdet;*

*Illi, kif tgħid il-liġi u kif ġie ritenut mill-Qrati tagħna, fiċ-ċirkostanzi li nqala' l-każ il-liġi tagħti li jinqabdu oġġetti fil-preżenza tal-ħati jew tas-sid u f'dak il-każ ma kienx hemm il-ħtieġa li jingħata dan l-avviż, u li r-raġuni tal-qbid tista' tingħata wkoll bil-fomm;*

*Illi għalhekk, safejn l-azzjoni attriċi tissejjes fuq in-nuqqas ta' għoti ta' raġunijiet jew fuq nuqqas ta' ħarsien tal-formalitajiet maħsuba fil-liġi dwar il-ħruġ tan-Noti ta' Qbid, il-Qorti tasal għall-fehma li l-azzjoni attriċi mhijiex mistħoqqa u ma ntweriex li d-Direttur jew l-uffiċjali tiegħu mxew mal-atturi bi ksur tal-liġi."*

L-atturi talbu wkoll dikjarazzjoni li Michael Zammit u Anthony Zammit f'isimhom proprju m'għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika mal-proprjetà mertu tal-każ. Madanakollu, huma ma ġabu l-ebda prova dwar min attwalment hu sid il-proprjetà u allura lanqas din it-talba ma tista' tiġi akkolta.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra tagħhom, b'dan illi l-ispejjeż tas-sentenza in parte tat-13 ta' Jannar 2015 għandhom ikunu a karigu tal-intimat.

IMHALLEF

DEP/REG